**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024**

**Kawża Numru: 15**

**Rikors Guramentat Numru:- 70/2022 JVC**

**Joseph Psaila (456889M)**

**vs**

**Untours Insurance Agents Limited (C-580) u b'ordni tal-Qorti datata 2 ta' Gunju 2022 isem is-socjeta' ghandu jaqra PostaInsure Agency Limited (C5655)**
**Paramount Coaches Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent Joseph Psaila illi permezz tieghu talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti Joseph Psaila jaghmel referenza ghall-incident awtomobolistiku illi sehh nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u timintax (2018) gewwa Triq il-Buqana ir-Rabat fejn ir-rikorrenti gie milqut f'rasu minn bieba ta' xarabank bil-konsegwenza li wegghetu gravament u dan skont kif iccertifikat minn Dr David Grima;

2. Illi ghalhekk ghandu jkun hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 216(1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalhekk japplika l-artikolu 2154(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ghandu jkun wiehed ta' hames snin;

3. Illi l-konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrenti Joseph Psaila korra gravament u qieghed isofri minn debilita' funzjonali u permanenti fejn anke l-Konsulent mediku tieghu ccertifika illi r-rikorrenti qieghed isofri minn dizabilita' permanenti liema kopja tac-certifikat qieghda tigi hawn esebita, annessa u mmarkata bhala "Dok.A";

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti garrab *luccrum cessans*, kagun tal-fatt li, bhala effett dirett ta' l-incident, sofra debilita' permanent, riskontrata u accertata;

5. Illi konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrenti Joseph Psaila inkorra ukoll danni emergenti (*dannum emergens*) li jinklusu spejjez, fosthom, izda mhux limitament ghal diversi

konsulti ma' tobba professuri u esperti medici, kif ukoll spejjez ta' medicinali, u telf iehor kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

6. Illi minhabba l-griehi li garrab, ir-rikorrent Joseph Psails ghadu jbari sal-gurnata tal-lum minn l-effetti tal-istess gurament.

7. Illi l-konsegwenzi ta' dan l-incident u tali debilita sehhet unikament b'tort, u jew negligenza tieghek u minhabba imperizja, traskuragini u non-osservanza tar- regolamenti u li ghalhekk wasalet ghal-griehi gravi;

8. Illi ghalhekk ghall-istess intervent u ghal hlas tad-danni konegwenzjali, huma solidament responsabbli l-konventi jew min minnhom;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. **Tiddikjara** illi l-artikolu 2154(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli;

2. **Tiddikjara** illi r-rikorrenti Joseph Psaila sofra debilita' permanenti u dan b'konsegwenza ta' incident awtombolistiku illi sehh minhabba negligenza u/ jew traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti;

3. **Tiddikjara** illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-debilita' tar-rikorrenti Joseph Psaila;

4. **Tillikwida** d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;

5. **Tordna** lill-konvenuti sabiex solidament ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata;

   Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta gurametata Untours Insurance Agents u "Paramount Coaches" li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, in rigward it-talbiet tar-rikorrenti kif diretti fil-konfront ta' Untours Insurance Agents Limited, jigi rilevat illi fl-ewwel lok din is-socjeta' m'ghadhiex iggib dana l-isem izda llum hija maghrufa bl-isem PostaInsure Agency Limited; fit-tieni lok illi n-numru tar-registrazzjoni indikat C-580 jappartjeni lil socjeta' ohra ghal kollox differenti u distinta mill-eccipjenti u ghaldaqstant ir-rikorrent, anke ghall-integrita' tagudizzju, ghandu jirregola ruhu dwar l-identita' fil-konfront ta' min qieghed jindirizza t-talbiet tieghu;

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in rigward it-talbiet tar-rikorrent kif diretti fil-konfront ta' Paramount Coaches Limited, jirrizulta illi m'hemm u li qatt ma kien hemm xi socjeta' b'personalita' guridika distinta li ggib dan l-isem. Illi "Paramount Coaches" hija biss isem kif jigi ezercitat il-kummerc u mhux isem ta' xi kumpanija. Illi ghaldaqstant l-azzjoni fil-konfront ta' Paramount Coaches Limited ma tistax tirnexxi in vista li din m'hijiex entita' ezistenti. Illi jkun rilevat, ghall kull buon fini, illi Paramount Coaches giet notifikata biss bl-Avviz tas-Smigh u bid-digriet ta' din l-

Onorabbli Qorti tas-7 ta' Frar 2022 izda mhux bir-Rikors Guramentat tar-Rikorrent;

3. Illi, wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritt a tenur tal-Artikolu 2153 u 2154(1) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti kif diretta fil-konfront ta' Untours Insurance Agents Limited ma tistax tirnexxi in vista illi fil-kaz mertu ta' din il-kawza huwa agixxa dejjem qua agent ta' principali illi jinsab hawn Malta, u mhux f'ismu proprio u ghaldaqstant m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn l-lazzjoni ghandha tkun diretta fil-konfront tal-eccipjenti Untours insurance Agents Limited;

5. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-intimati jichdu kwalsiasi responsabilita' ghall-akkadut u kwindi m'humiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

6. Minghajr pregudizzju ghall-premess, u fil-mertu, ir-rikorrenti ghandu jressaq il-prova tal-griehi kkagunati lilu u d-danni realment subiti minnu.

7. Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.'

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati giet irtirata fil-verbal tat-2 ta' Gunju, 2022 wara li saret id-debita korrezzjoni fl-okkju f'isem is-socjeta' assiguratrici intimata.

Rat li fl-istess verbal din il-Qorti in vista tat-tielet ecezzjoni dwar preskrizzjoni, ordnat l-inverzjoni tal-provi limitatament fuq din l-eccezzjoni.

Rat ir-rapport mediku ex parte (fol. 11), semghet ix-xhieda, rapporti, dokumentazzjoni mill-proceduri kriminali, xhieda, dokumentazzjoni ulterjuri, ittra ufficcjali u provi kollha fl-atti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar il-11 ta' Ottubru, 2023 limitatament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni liema trattazzjoni giet traskritta fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 11 ta' Ottubru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna incident stradali li sehh nhar it-22 ta' Frar, 2018 gewwa Triq il-Buqana, Rabat, Malta fejn ir-rikorrent Joseph Psaila jsostni li konsegwenza ta' dan l-incident huwa soffra disabilita' permanenti w'ghaldaqstant qed jitlob li tigi dikjarata r-

responsabilita' tal-incident fil-konfront tal-intimat/i u l-konsegwenti likwidazzzjoni u hlas ta' danni.

L-intimati, apparti eccezzjonijiet preliminari fuq l-indikazzjoni tal-istess intimati u tahrika tal-istess, iqajjmu eccezzjoni ta' preskrizzjoni fit-termini tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jikkontestaw ukoll ir-responsabilita' tal-incident u l-quantum tad-danni.

Illi s-sentenza odjerna hija limitata ghat-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif gia suespost.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat ix-xhieda ta' **Stefania Calafato Testa**, assistent registratur tal-Qrati Kriminali a fol. 68 tal-process li esebiet kopja tal-proceduri sommarji tal-kollizzjonijiet li ttiehdu fil-konfront ta' Salvu Sammut u gew finalment decizi nhar id-9 ta' Lulju, 2018, liema dokumentazzjoni giet esebita fl-atti a fol. 44 sa fol 60 tal-process.

Rat illi minn din id-dokumentazzjoni Salvu Sammut gie akkuzat illi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, minhabba f'hekk Joseph Psaila, batgha offiza gravi fuq il-persuna skont kif iccertifika Dr. David Grima MD mill-MDH u dan b'tahrika datata 9 ta' Mejju, 2018. Rat li fl-akkuza ma gie indikat l-ebda artikolu partikolari tal-ligi.

Rat ir-rapport esebit fl-atti kriminali a fol. 46 et seq u hadet konjizzjoni tal-istess f'dan l-istadju ai fini tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni in disamina. Rat l-affidavits tal-Pulizija involuti segwenti kif ukoll id-dokumentazzjoni medika.

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Lulju, 2018 l-akkuzat irregistra ammissjoni u gie dikjarat mill-Qorti kif isegwi:

'Giet registrata ammissjoni.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tara li dan jammonta ghal nuqqas ta' hsieb. Tikkundannah multa ta' €250.'

Il-Qorti rat li anki fil-kaz tad-decizjoni ma giex indikat l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu kienet qed tinstab il-htija tal-akkuzat.

Rat ix-xhieda ta' **Charmaine Bugeja** assistent registratur tal-Qrati Civili u Tribunali a fol. 70 et seq tal-process kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita minnha a fol 61 sa 63 rapprezentanti atti pprezentanti fir-Registru tal-Qrati mir-rikorrent jew persuni ohra bl-istess isem.

Rat ix-xhieda ta' **PC 986 Paul Spiteri** a fol. 72 et seq tal-process li esebixxa kopja shiha tar-rapport relatat mal-incident a fol. 64 et seq tal-process.

Rat il-kopja legali tal-ittra ufficcjali interpellatorja indirizzata lil 'Untour Insurance Limited' datata 24 ta' Novembru, 2020 u cioe' sentejn u disa' xhur wara l-incident liema ittra giet notifikata nhar l-1 ta' Dicembru, 2020.

Rat l-artikolu 216 (1) (d) tal-Kap. 9 Kodici Kriminali li ghalih issir referenza specifika fir-rikors guramentat li jaqra kif isegwi:

'216 I(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin . . . .
d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal-tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;'

Rat l-artikolu 688 (d) tal-Kap. 9 Kodici Kriminali li ghalih issir referenza mir-rikorrent waqt it-trattazzjoni u s-sub-artikolu (e) li wkoll issir referenza ghalih waqt it-trattazzjoni mid-difensur tal-intimati li jaqraw kif isegwi:

'688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ….

d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;

e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

Rat l-artikolu 328 c tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali li ghaliha saret referenza mill-legali tal-intimati li jaqra kif isegwi:

'328 Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati

(ċ) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).'

Rat l-artikoli 2153 u 2154 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw kif isegwi:

‘2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn.

2154 (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b’reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.’

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 31 ta’ Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Emmanuele Degiorgio et vs. Twanny Moon et (864/2002/1)** kwotata wkoll mill-partijiet odjerni, dwar l-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu inghad kif isegwi:

‘D. Fir-raba' lok, l-appellanti jsostnu li, f'kull kaz, l-azzjoni taghhom ma kenitx preskritta. Huma mhux qed jallegaw li l-preskrizzjoni applikabbli mhux dik invokata u applikata mill-ewwel Qorti, cioe`, dik ta' sentejn skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali - fil-fatt, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Agius v. Zammit et, deciza fil-5 ta' Ottubru 1993, kienet osservat li azzjoni ghal danni rizultat ta' incident ta' traffiku mhux soggetta ghall-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, izda ghal dik relatata mar-reat skond il-Kodici Kriminali kif jiddisponi lArtikolu 2154(1) tal-Kodici Civili - izda peress li t-terminu tal-preskrizzjoni kien gie interrott (i) bin-notifiki li saru kontra l-konvenut quddiem il-Qorti Kriminali, u (ii) bil-fatt li s-

socjeta` assikuratrici dahlet f'kontrattazzjoni ma' l-atturi. Dawn is-sottomissjonijiet jimmeritaw analizi aktar approfondita milli nghatat mill-ewwel Qorti. Bl-ewwel sottomissjoni taghhom, l-appellanti qeghdin jikkonsidraw l-atti tal-process penali li kien ittiehed kontra l-konvenut bhala interrottivi tal-preskrizzjoni civili. Il-Qorti tirrileva, pero`, li fl-atti m'hemmx provi ta' kif tmexxa l-process kriminali, u lanqas ma gie indikat kif u meta saru, jekk saru, notifiki lill-konvenut tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu. F'kull kaz, din il-Qorti ma taqbilx li r-regoli interrottivi tal-preskrizzjoni li jinsabu fil-Kodici Kriminali ghandhom japplikaw ukoll ghal process civili. Meta l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Ciivli jikwalifika l-agir doluz bhala reat ghall-fini tal-preskrizzjoni, jaghmel dan limitatament biex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni, pero`, ir-regoli ghas-sospensjoni jew interruzzjoni ta' dak iz-zmien jibqghu dawk kontemplati fil-Kodici Civili. Fil-fatt, l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili jinsab fis-sub-titolu li jitratta "Fuq iz-Zmien mehtieg ghall-Preskrizzjoni", u r-regoli li jissospendu jew li jiksru l-preskrizzjoni jinsabu enuncjati fl-artikoli precedenti. Dawn l-artikoli ma jikkontemplawx interruzzjoni b'rizultat tal-process penali, izda jipprovdu regoli precizi u appoziti, u anke b'mod esklussiv, ta' xi jwassal ghall-interuzzjoni (ara bhala rifless fuq dan, id-decizjoni ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza Psaila v. Slabick, deciza fid-9 ta' Frar 2005, u Aquilina noe v. Ellul, deciza mill-indikata Qorti fis-16 ta' Gunju, 1994). Oltre dan, kif tajjeb osservaw is-socjetajiet appellati, l-

azzjoni civili hija distinta u separata minn dik kriminali, u azzjoni wahda ma tiddependix minn ohra. Il-prosegwiment ta' kawza fi tribunal wiehed m'ghandux jiddependi minn x'jigri jew ma jigrix quddiem tribunal iehor li ghandu gurisdizzjoni u kompetenza separata u distinta.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi minn qari tal-akkuza fil-konfront ta' Salvu Sammut a fol. 45 tal-process johrog car li huwa tressaq fit-termini tal-artikolu 328 (c) tal-Kodici Kriminali u mhux taht l-artikolu 216 (1) (d) tal-istess Kap. 9 kif jikkontendi r-rikorrent. Dan ifisser li l-prejodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' sentejn u mhux ta' hames snin kif isostni r-rikorrent.

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm ir-rikorrent jista' jargumenta li fl-akkuza ma tnizzel l-ebda artikolu tal-ligi kif ukoll fid-decizjoni, qari tal-akkuza ma thalli l-ebda dubju dwar liema artikolu tal-Kodici Kriminali gie applikat fil-konfront tal-akkuzat Salvu Sammut. Illi l-Qorti tirrileva li, fil-kaz partikolari, l-kaz fil-Qorti Kriminali gie deciz fi zmien relattivament qasir tant illi l-procedura giet mitmuma nhar id-9 ta' Lulju, 2018 cioe' ftit xhur wara l-incident. Ghalhekk jekk ir-rikorrent b'xi mod jargumenta li seta' kellu xi dubju dwar x'akkuzi ser jitressaq bihom Salvu Sammut dan id-dubju certament spicca fil-mument li nghatat id-

decizjoni. Dak iz-zmien lanqas kienet ghadha ghaddiet sena mill-incident u r-rikorrent kien ghadu ben entro t-terminu ta' sentejn preskrizzjoni mposti mill-ligi sabiex iressaq il-proceduri Civili izda ghazel li dan ma jaghmlux.

Illi in oltre, kif inghad fil-gurisprudenza suesposta, l-proceduri kriminali ma jservux sabiex jinterrompu l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli u anki li kieku kien il-kaz, fl-atti giet esebita prova ta' ittra ufficcjali datata 24 ta' Novembru 2020, cioe' aktar minn sentejn sahansitra mid-decizjoni kontra Salvu Sammut. Dan minghajr ma wiehed jidhol fil-kwistjoni u l-eccezzjoni tal-fatt li l-ittra ufficcjali saret kontra socjeta' b'isem divers minn dik tal-intimata odjerna kif korrett. Il-kaz odjern konsegwentement gie prezentat nhar is-27 ta' Jannar, 2022 kwazi erba' (4) snin shah wara l-incident. Ghaldaqstant, iddawwarha kif iddawwarha jirrizulta li l-kaz waqa' preskritt mat-trapass ta' sentejn mid-data tal-incident nhar it-22 ta' Frar, 2020 u dan fit-termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 Kodici Civili ta' Malta.

Illi in vista tas-suespost jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li t-tielet eccezzjoni tal-intimati li tqajjem il-preskrizzjoni fit-terminu tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili hija gustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess. In vista ta' dan it-talbiet kollha tar-rikorrent per conseguenza jfallu minhabba l-preskrizzjoni u ser

jigu michuda salv l-ewwel talba stante li jirrizulta li l-artikolu 2154 fil-fatt japplika imma mhux bl-applikazzjoni li qed itih ir-rikorrent.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi t-tielet eccezzjoni tal-intimati billi tilqa' l-istess u stante li l-pretensjonijiet tar-rikorrent jirrizultaw preskritti fit-termini tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti salv l-ewwel talba li qed tigi milqugha limitatament in vista tal-applikazzjoni tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar , 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar,  2024**